# Il-Kwaranturi
## fil-Knisja ta' San Franġisk

minn

**Anton Galea**

Ta' tfulitek ma tinsieh qatt! Hekk dejjem jiġri. Ngħid għalija ż-żmien li għaddejt ma' saqajn il-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-belt Victoria, baqa' stampat f'moħħi, u meta l-istorja ta' dak iż-żmien tiġi quddiem għajnejja, nogħxa nerġa ngħix dik l-epoka. Qed nitkellem fuq is-snin 1942 - 1950 meta kont abbati.

Ma' sħabi l-abbatini l-oħra konna nagħtu s-servizzi kollha fil-knisja. L-abbatini fi żmieni kienu bejn wieħed u ieħor l-eta' tiegħi. Meta ma kontx l-iskola tal-Primarja, jew nagħmel il-*homework* id-dar, kont issibni fil-knisja; daqqa ngħin il-quddies, daqqa ngħin lill-Fra Anġ jew Fra Lipp anke waqt it-tiżjin fil-knisja, u daqqa niġri u nilgħab ma' sħabi fil-kurituri u ġonna tal-knisja. Ġie li l-patrijiet ħaduna xi ħarġiet jew passiġġati fi żmien ir-Rebbiegħa jew is-Sajf. Il-ħarġiet fis-Sajf kienu ta' spiss u donnu dakinhar is-sħana tax-xemx ma kenitx tinħass daqs illum. Jew aħna bħala tfal ma konniex nagħtu kasha!

M'għandniex xi ngħidu, il-festa tal-Kunċizzjoni kienet l-iprem waħda għalina l-abbatini. Dritt warajha, naħseb jien, bħala solennità, kienet tiġi l-festa tal-Kwaranturi li kienet issir fil-fest ta' Kristu Re. Bħall-festa tat-8 ta' Diċembru, il-Kwaranturi kienu jiġbdu warajhom kemm lilna, kemm il-komunità Franġiskana u kemm għadd kbir ta'nies mill-gżira kollha t'Għawdex. Devoti tas-Sagrament, kienu jersqu lejn il-knisja ta' San Franġisk sa mill-ġurnata tal-Ġimgħa. Imbagħad il-Ħadd ma kienx ikun hemm post għal labra fil-knisja waqt il-quddies u l-adorazzjoni.

Il-knisja kien ikun fiha għaxqa taraha mżejna. Ma kienx ikun hemm it-tiżjin massiċċ li kien jintrama għall-festa tal-Immakulata, imma d-dehra tal-maqdes Franġiskan fil-festa tal-Kwaranturi kienet kalamita għad-devoti.

**L-altar maġġur**

Id-dilettanti tal-knejjes f'Għawdex minn dejjem kienu bla għadd. Għat-tiżjin ta' din il-festa, kienu jkunu Ġanni Galea tal-Orjenti u Ġorġ Saliba l-Ħaxxiex. Il-mira ta' dawn kienet tkun billi jagħtu dehra mill-isbaħ lill-altar maġġur billi hu kien il-qofol tal-Kwaranturi. L-iktar li kienu jispikkaw kienu l-ġilandra u r-raġġiera li kienet tinfetaħ qisha mrewħa kbira wara s-sett gandlieri tal-prima. Illum tintuża ġilandra maestuża li trid seba' għajnejn biex taraha, iżda r-raġġiera ma hix l-istess waħda tal-lum. Kienu jitpoġġew l-aqwa żewġ settijiet ta' gandlieri, il-prima u s-sekonda. Kuntrarjament għal dak iż-żmien, illum jintużaw erba' saffi ta' gandlieri fl-altar maġġur. Bejn il-gandlieri ma kinux jużaw fjuretti, imma vażetti twal bil-fjuri li kienu jinstabu fil-ġonna tagħna dak iż-żmien tas-sena. Ma konniex għadna nafu fil-ward eżotiku li jżejjen bih il-Gwardjan tal-lum! Fit-tarf tal-altar, fuq nett kienu u għadhom jitpoġġew żewġ anġli f'pożizzjon imtajjra, xogħol mill-aqwa ta' Wistin Camilleri. Dawn l-istess anġli narawhom ukoll mal-pavaljun tal-Kunċizzjoni. Wieħed minn dawn l-anġli kien iżomm f'idejh għanqud għeneb waqt li l-ieħor kellu ftit sbul. L-għeneb kien ikun naturali waqt li qatta żgħira ta' sbul kienet tintrefgħa ta' kull sena friska friska mill-għalqa. Ġużepp Debattista tal-Kliku li kellu l-forn f'dik il-blokka ta' bini li twaqqgħet bejn il-1986 u 1987 biex titkabbar il-Pjazza ta' San Franġisk, kellu siġra kbira tal-għeneb fil-bitħa. Minnha kien jagħżel l-aqwa xenxul imwaħħar u joffrih biex jitpoġġa f'idejn l-anġlu. Hekk ukoll għall-anġlu l-ieħor, kienet tinżamm kull sena qatta żgħira ta' sbul naturali. Illum l-għeneb hu tal-plastik u s-sbul hu magħmul mill-fidda.



Tul it-tarf tal-presbiterju, kienu jintramaw ġinokkjaturi kbar għall-adoraturi. Kienu jkunu miksija b'damask aħmar u kellhom imħaded baxxi, miksija wkoll bl-istess drapp għall-adoraturi.

Żewġ gastri tal-kewba b'żewġ qsari tat-terrakotta mill-ifjen u li fihom ġieli li tpoġġew xtieli tal-fjuri jew tad-dell mill-isbaħ, kienu jiġu mislufa miz-zija Vitorin biex jitqegħdu waħda kull naħa tal-altar maġġur.



Id-damask kien jintrama fil-knisja kollha u kienu wkoll jarmaw il-pavaljun fl-ark ta' fuq l-altar maġġur. Dan l-istess damask kien jibqa' mdendel għall-festa ta' San Franġisk u tal-Kunċizzjoni.

Dak iż-żmien kienet id-drawwa li jiksu l-art tal-knisja bil-weraq tar-rand. Kien jieħu ħsieb li jferrxu Toni ta' Lejċa, anzjan li kien jgħix mal-patrijiet u kellu ċella għalih fil-kuritur t'isfel tal-Kunvent.

**L-Adorazzjoni**

Il-granet tal-Kwaranturi, li kienu jsiru għall-aħħar ta' Ottubru, kienu mferrxa fuq tlett ijiem; il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd. Il-Ġimgħa wara l-quddiesa tas-7.00am kienet issir purċissjoni bis-Santissimu Sagrament fil-knisja. Konna nieħdu sehem fiha l-abbatini, in-novizzi u l-patrijiet li dak iż-żmien kienu mhux ftit. Kienet titkanta l-Litanija tal-qaddisin kollha u jingħad t-talb skont ir-Ritwal. Immedjatament wara kienet tibda l-Adorazzjoni solenni. Filgħaxija fl-Ave Marija kien jitkanta l-Għasar, u issir il-prietka. Wara, bis-sehem tal-mużika, kien jitkanta "O Salutaris Hostia" u t-"Tantum Ergo". Il-funzjoni kienet tispiċċa bil-barka sagramentali.

Fl-4.00am tas-Sibt kienet issir Espożizzjoni Solenni. Wara fis-7.00am quddiesa kantata "Pro Pace" u filgħaxija kollox bħal jum ta' qabel.

Il-Ħadd ġurnata tal-festa, kienet tkun tant mistennija. Fl-4.00am kienet issir Espożizzjoni Solenni, fil-5.00am Matutin bil-kant Gregorjan u r-Responsorji bil-mużika. Fid-9.00am kienet toħroġ il- quddiesa solenni li għaliha aħna l-abbatin konna rridu nattendu. Wara l-Vanġelu kien isir il-paniġierku, li għalih kienu jagħtu sehemhom l-aqwa predikaturi. Fit-3.00pm għasar solenni bil-mużika, kant tal-Litanija tal-qaddisin kollha u purċissjoni mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons Ġ. Pace, Isqof t'Għawdex.

Għall-ħinijiet tal-Espożizzjoni kienu jiġu nies minn kull rokna t'Għawdex, allavolja dakinhar ma kienx hemm il-kumdità ta' trasport bħal ma għandna llum. Il-knisja dejjem mimlija. Iz-zija Vitorin, li magħha kont ngħix, kienet teħodni magħha. Dakinhar kulħadd, jiflaħ jew ma jiflaħx, irid joqgħod għarkupptejh! Konna npoġġu fil-post tagħna tas-soltu mal-passaġġ ta' quddiem il-kappella tal-Madonna tas-Saħħa. Warajna kienu dejjem jokkupaw ringiela siġġijiet il-familja Mifsud Bonnici, Maltin, refuġjati tal-gwerra li kellhom id-dar tagħhom fi Triq Putirjal, Għawdex. Is-Sinjura Bonnici qatt ma bagħtet it-tfal weħidhom il-knisja, imma dejjem kienet iġġorrhom magħha. Fl-adorazzjoni, din il-familja, bħan-nies kollha kienet tgħid ir-rużarju, talba li għalina t-tfal kienet tkun xi ftit monotona. Sena fost l-oħrajn, ġara li t-tfajjel Ugo, (illum eks-President ta' Malta), bħal kull tifel ieħor kien xi ftit għajjien u ma kienx jirrispondi fil-ħin it-talba tal-Ave Marija. Allura l-mamà tiegħu kienet tkun pronta, minn taħt l-ilsien tgħidlu, "Għid Ug" ! (Ug imqassra għal Ugo). Ħekk kienu l-ommijiet ta' dak iż-żmien. Serjetà u sodezza.



**Il-Purċissjoni**

Il-ġurnata tal-Ħadd kienet tkun wisq mistennija, l-iktar għall-purċissjoni ta' filgħaxija. L-abbatini konna ninġabru minn kmieni wara nofsinhar, u wara l-kant tal-għasar kienet tibda l-puċissjoni. L-ewwel kien jimxi l-istendard bil-Fratelli tal-Kunċizzjoni, warajhom it-Terzjarji ta' San Franġisk, is-salib tal-kleru merfugħ min-novizz l-aktar anzjan b'żewġ abbatini bl-akkolti. Xi erba' abbatini konna nimmarċjaw immedjatament wara. Imbagħad kien imiss lin-novizzi bis-surmast tagħhom. Il-kleru ta' San Ġorġ dejjem kien ikun mistieden, ilkoll libsin dik l-alba illamtata u l-pjaneta. F'idejhom kienu jżommu torċa mixgħula. Il-patrijiet Franġiskani, wara rappreżentanza mill-kunventi tal-Agostinjani u Kapuċċini kienu jimmarċjaw fl-aħħar tal-korteo. Għal din il-purċissjoni, aħna l-abbatini konna nillatikaw min minna kellu jerfa' gabarrejiet imdaqqsa bil-petali tal-ward biex inferrxu quddiem is-Sagrament. Basktijiet sħaħ bil-ward kienu jinġabru l-Ħadd filgħodu wara sejħiet li l-Gwardjan kien jagħmel lir-Rabtin. L-isfera bis-Santissmu kienet tkun dejjem merfugħa mill-Isqof, mgħejjun minn żewġ monsinjuri tal-Katidral. Il-baldakkin kien jintrefa' minn sitt persuni ta' ċertu klassi, waqt li l-umbrella kienet dejjem tkun f'idejn it-Tabib Anton Tabone, President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika t'Għawdex.



Il-purċissjoni kienet tiġbed għal Triq Palma, Pjazza t-Tokk (illum Pjazza Indipendenza), tgħaddi minn quddiem il-knisja ta' San Ġakbu, Triq it-Tiġrija (illum Triq ir-Repubblika), Triq Putirjal u terġa għal Pjazza San Franġisk. Żewġ moti solenni kienu jilqgħu l-purċissjoni hekk kif din tasal quddiem il-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fi Triq Palma u minn quddiem il-knisja ta' San Ġakbu..

Il-purċissjoni ma kienitx tispiċċa fil-knisja, imma fl-entratura ta' bejn il-bieb ta' barra u l-antiporta tal-knisja, fejn kien jintrama artal żgħir imżejjen bil-gandleiri u ward. Malli jasal is-Sagrament fuq iz-zuntier dan kien jiġi espost fuq l-altar. Man-naħa ta' fuq tal-bieb prinċipali kienet titwaħħal pittura fuq biċċa triplaj





ta' żewġ anġli għarkupptejhom jaduraw lil Ġesù Ostja fi sfera. Hekk ukoll maz-zokklatura tal-faċċata tal-knisja kien jitwaħħal damask tul it-tlett ijiem tal-Kwaranturi. Ta' kull sena kienet tkun mistennija l-prietka minn xi saċerdot gwapp li kien jitla' fuq il-pulptu armat apposta maġenb iż-żewġ targiet tal-bieb prinċipali. Wara kienet tingħata l-barka Sagramentali. Ħadd ma kien jitlaq qabel it-tmiem.

Fil-festa tal-Kwaranturi tal-Ħadd 28 t'Ottubru 1945, hekk kif ingħatat il-barka fl-aħħar, sar programm mużikali mill-Banda *La Stella* mis-7.00pm 'l quddiem taħt id-direzzjoni ta' Mro G. Giardini Vella[1].

Fis-sena 1955, il-purċissjoni tal-Kwaranturi li għal snin twal ħarġet mill-Knisja tal-Patrijet Franġiskani Konventwali, ħadet svolta oħra. Dan billi flokha bdiet issir manifestazzjoni Nazzjonali ad unur l-istatwa ta' Kristu Re li kienet u għadha tinstab fi Pjazza t-Tokk, (illum Pjazza Indipendenza). Dan hu l-monument tal-Gwerra li jfakkar l-Għawdxin li mietu fl-aħħar gwerra. Minn żmien qabel il-poplu Għawdxi kien ġie mħeġġeġ permezz ta' kitba fil-gazzetti "biex jieħu sehem fil-festi li sa jsiru u b'hekk nuru mħabbitna lejn is-Sultan tas-Slaten". Ġew imħajjra wkoll biex itellgħu l-bnadar fuq il-bjut tad-djar u biex issir mixegħla lejlet u nhar il-festa, speċjalment it-Tokk fejn hemm l-istatwa ta' Kristu Re[2].

Għas-sena 1956, il-kumitat organizzattiv tal-Festa ta' Kristu Re kien ħareġ programm speċjali għall-jum tat-28 ta' Ottubru. Fit-3.15pm il-parroċċi kollha ta' Għawdex, l-għaqdiet, xirkiet u movimenti Għawdxin kellhom jinġemgħu ħdejn it-Technical School fi Triq it-Tiġrija. Fit-3.30pm jibda jimmarċja l-Korteo Nazzjonali tul it-Tiġrija. Meta kull parroċċa jew għaqda tasal it-Tokk, tpoġġi kuruna quddiem il-Monument ta' Kristu Re. Fl-4.00pm issir taħdita tal-okkażjoni, (dik is-sena saret minn Patri Fidiel, Kapuċċin), u fl-4.30pm Trina Benedizzjoni mill-Isqof. Għall-kumdità ta' kulħadd kien hemm venda tal-karozzi tal-linja mill-irħula kollha għall-belt Victoria[3]. Imma ġara li bħal ħafna okkażjonijiet oħra, din il-manifestazzjoni Nazzjonali li qerdet il-purċissjoni tal-Kwaranturi mill-Knisja ta' San Franġisk, bdiet tmajna sakemm ġiet fix-xejn.

Fi żmien il-Gwardjan P. Dumink Bonello (1983-1986), il-Kwaranturi bdew jiġu ċelebrati f'Settembru[4]. Il-purċissjoni reġgħet kważi ħadet il-forma l-antika. Din ma baqgħetx issir fil-qalba tal-belt, imma fl-akkwati u toroq ta' madwar il-knisja tal-patrijiet. Minn dakinhar 'l hawn, il-festa reġgħet qed tiġi organizzata bl-aħjar mod xieraq u b'pompa liema bħalha. It-tiżjin u tindif fil-knisja, grazzi għall-Gwardjan Fr. Joe Xerri, mgħejjun minn żgħażagħ u *helpers* ikun bħal dejjem fl-aqwa tiegħu. In-nies li jiffrekwentaw il-knisja għadhom jieħdu sehem, għalkemm m'għandniex xi ngħidu mhux daqs fl-antik! Fuq iz-zuntier jintramaw xi arbli bil-bnadar, waqt li t-toroq minn fejn jgħaddi s-Sagrament jiżżejnu l-galleriji u t-twieqi b'damask, qsari u dwal. Il-qniepen jerġgħu jsemmgħu leħinhom iktar mis-soltu mill-kampnar. L-abbatini u l-fratelli tal-Kunċizzjoni jimlew is-sagristija u l-knisja u jagħtu ħajja oħra ta' attività. Hekk jixraqlu s-Sagrament!

**Illum il-ġurnata issir festa mill-aqwa. L-adorazzjoni tan-nies tkun tul il-jum. Bejn is-Sibt u l-Ħadd issir dik ta' matul il-lejl bil-preżenza tal-Moviment Ewkaristiku mmexxi minn Mons. Rużar Borg. Dawn jagħmlu l-jiem espressjoni ta' mħabba lejn dak li jżommna qawwija u sħaħ. Il-kwaranturi jiġu fit-tmiem hekk kif il-purċissjoni tidħol fil-knisja u wara l-kant tat-Te Deum tingħata l-Barka Sagramentali. F'dawn l-aħħar snin il-quddiesa ta' filgħaxija tul il-jiem tal-kwaranturi tkun animata minn kor. Fil-preżent qed ikanta l-Chorus Urbanus. L-għanjiet Ewkaristiċi waqt l-adorazzjoni komunitarja jkomplu jsebħu l-ambjent biex kollox ikun f'sinfonija ta' tifħir...**

**LILEK O ALLA NFAĦĦRU GĦAX INTI TAJJEB.**

**LILEK IRRODDU ĦAJR.**

1 Il-Berqa 25 ta' Ottubru 1945 p.7
2 Il-Berqa 25 ta' Ottubru 1956 p.7
3 ibid
4 San Franġisk 2005: Alexander Bonnici OFMConv. p. 94